

**Brussell, 12 ta' Settembru 2025
(OR. en)**

12632/25

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0245 (BUD)**

**FIN 1050
SOC 600**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Kumitat tal-Baġit
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	12249/25
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati wara applikazzjoni mill-Ġermanja (EGF/2025/002 DE/Goodyear2)

• *Approvazzjoni*

1. Fis-26 ta' Awwissu 2025, il-Kummissjoni baġtet lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG), akkompanjata mill-proposta korrispondenti għat-trasferiment ta' approprijazzjonijiet Nru DEC 12/2025¹.
2. Il-proposta għandha l-għan li timmobilizza ammont ta' EUR 3.1 miljun taħt il-FEG bi tweġiba għal applikazzjoni mill-Ġermanja biex jintuża l-Fond wara li ġew issensjati ħaddiema f'Goodyear Germany GmbH (manifattur tal-prodotti tal-gomma u tal-plastik), sabiex tingħata assistenza għall-integrazzjoni mill-ġdid fis-suq tax-xogħol tad-915-il benefiċjarju fil-mira, f'konformità mal-kriterji ta' intervent stipulati fil-punt (a) tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) 2021/691².

¹ Dokument 12248/25.

² Ir-Regolament (UE) 2021/691 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 (ĠU L 153, 3.5.2021, p. 48, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/691/oj>).

3. Il-Kumitat tal-Baġit eżamina l-proposta fil-laqgħa tiegħu fit-12 ta' Settembru 2025 u seta' japprovaha.
 4. Fid-dawl ta' dan, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jagħti parir lill-Kunsill biex japprova t-test tad-Deċiżjoni dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, kif jinsab fid-dokument 12633/25.
-